Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 350/2015

Il-Pulizja

Spettur Jonathan Ransley

Vs

Toni Mangion

Illum 30 ta' Novembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Toni Mangion, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 575345M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-23 ta' Awwissu, 2013 ghall-habta ta' 17:45hrs, fi Triq it-Torri, Sliema:

1. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' nies inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' lil SEO215 Benjamin Fenech u EO43 Vincent Frendo ufficjali ta' Transport Malta kif ukoll lil WPS215 V. Farrugia u PC 243 C.Frendo, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
2. Kiser volontarjament il-bonordni jew il-kwiet tal-publiku b'ghajjat storbju u glied.
3. Qal xi kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

4. Ipparkja il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni LCJ438 fuq double yellow line.
5. U aktar talli ghamliha ta' hawker kif ukoll rema tilar minghajr ma kellu licenzja tal-awtorita' kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kometenti bis-sahha ta' dik il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-17 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(d), (f), (h), 95(1)(2) u (3), 252(1) u (2), 339(1)(e), 338(bb), 338(dd) u 342 tal-Kap 9, it-Taqsima 2, Paragrafu D, sub-paragrafu (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Artikolu 55(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnha, filwaqt illi sabithu hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) xhur mill-llum u kkundanatu ghal-peina ta' multa ta' tliet mija u hamisn ewro (€350) u ammenda ta' hamsin Ewro (€50) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jithallsu mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghoxrin Ewro (€20), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar m'illum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija (fil-kaz tal-multa jew detenzjoni (fil-kaz tal-ammenda) skond il-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-persjoud tal-liberazzjoni kondizzjonata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Toni Mangion, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux hati tal-hames akkuzi u tilliberah mill-akkuzi l-ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Toni Mangion esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant jinsisti li ma qalx kliem imsemmija fix-xhieda jew hedded xi ufficjali. Kull ma gara kien li ried daqxejn pacenzja mill-ufficjali kkoncernatai sabiex jhott xi oggetti mill-vettura tieghu u peress li huwa anzjan ippretenda mill-anqas xi kotezjia ta' assistenza mhux xkiel. Dan huwa incident li seta' facilment jigi rizolt mill-ufficjali li jistennew u anzi jassistu ragel anzjan. Kienu l-ufficjali ta' Transport Malta li kisru l-bon ordni ghaliex il-kaz ma kienx jirrikjedi ghajjat u storbju. Dan barra l-fatt li ma kienx hemm prova ta' alarm ta' nies madwar.

Ikkunsidrat;

Illi l-uniku aggravvju imqanqal mill-appellanti, imfisser f'paragrafu wiehed qasir u konciz, huwa dirett lejn l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha u dan meta jishaq illi ma qal l-ebda kliem ingurjuz u ta' tehddid fil-konfront tal-ufficjali pubblici li tallbuh inehhi il-vann tieghu li kien wieqaf kontra l-ligi fuq *double yellow lines*. Dik hija l-kontestazzjoni tieghu meta ighid li billi huwa ragel anzjan ippretenda lil dawn l-ufficjali jitrattawh b'iktar gentilezza u ighinuh sabiex ihott l-affarijiet li kellu fil-vann u mhux jibdew ighajjtu mieghu.

Illi din il-Qorti minnufih u minghajr tlaqliq tistqarr illi dan l-appell jirrazenta l-fieragh. Ibda biex din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn terga' itteni illi d-diskrezzjoni fdata f'idejn l-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni minnha maghmula ta'l-atti probatorji ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista' jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna/i akkuzata/i. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni.

Issa l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata ghamlet esposizzjoni fil-fond mhux biss ta'l-aspetti legali li isawwru ir-reati addebitati lill-appellanti, b'mod ewlieni ir-reat

ta' oltragg lill-ufficjal pubbliku, izda ezaminat ukoll bir-reqqa l-provi kollha li kellha quddiemha u wasslet sabiex ma tatx kredibbilita lill-appellanti mhux biss abbazi ta' dak mistqarr minnu izda ukoll mill-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, haga din ta'l-ahhar li din il-Qorti ma ghandhiex ix-xorti li tosserva.

Illi din il-Qorti madanakollu regghet fliet ix-xhieda li hemm in atti u tistqarr li ma tistax issib mottiv wiehed 'il ghala ghandha tiddipartixxi mill-fehma ghaqlija u ragjonata li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Dan mhux biss ghaliex ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni u cioe' l-erba' ufficjali pubblici involuti fil-kaz kollha jikkoroboraw il-verzjonijiet ta' xulxin, izda fuq kollox ghaliex l-verzjoni li jaghti l-appellanti tant hija wahda fjakka li tipprova tghawweg il-kliem li intqal sabiex ighatti l-mod arroganti li gab ruhu biha, illi xejn m'ghandha mis-sewwa! Per ezempju il-kelma "liba" li jirrepeti kemm il-darba idawwarha biex ighid li qal il-kelma "il-Libjan Musu" li ma iridx jaghtih il-pensjoni! Ukoll it-theddida tax-xebgha injama li jaghmel lill-ufficjali tat-Transport Malta idawwarha biex ighid illi il-kliem li huwa qal fil-konfront ta'l-ufficjal kienu fis-sens "ara nolqotok bl-injama" u cioe' bl-injam li kien qed inizzel mill-vann biex jarma it-tillar tieghu. Di piu jallega illi wiehed mill-ufficjali tat-Transport Malta kien qed jimbuttah u laqtu b'difrejgh jew bil-biro fuq sidru tant illi hariglu hafna demm, meta dan il-fatt lanqas jindenja ruhu jirrapurtah lill-pulizija li wasslu fuq il-post dak in-nhar ta'l-incident u lanqas jaghmel certifikat mediku tal-griehi li allegatament sofra. Inoltre il-WPS 215 Farrugia u l-PC243 Frendo fl-ebda hin ma isemmu li raw lill-appellanti b'xi dmija fuqu. Illi dawn il-fatturi fost ohrajn iwasslu sabiex il-verzjoni ta'l-imputat kwazi kwazi ghandha mir-redikolu tant illi ma tista' qatt titwemmen. Abbinat ma' dan, kif inghad, l-Ewwel Qorti setghet ukoll tara l-komportament tal-appellanti fuq il-pedana tax-xhieda sabiex tevalwa il-verosimiljanza ta' dak mistqarr minnu.

Illi l-appellanti izda, minflok gharaf l-izball tieghu u accetta l-piena miti li ghogobha teroga kontra tieghu l-Ewwel Qorti hass li kellu jikkontesta decizjoni li kienet gusta u ekwa kemm mill-aspett guridiku kif ukoll fattwali. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn

il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tara l-ebda raguni ‘il ghala ghandha titbieghed mill-fehma tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni impunjata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur